## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fis-17 ta' Jannar 2020 – E. M. T. vs Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides

**(Kawża C-20/20)**

(2020/C 95/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* E. M. T.

*Konvenut:* Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides

### Domanda preliminari

L-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali ([1]), li jipprovdi li l-applikanti għandu jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra deċiżjonijiet "dwar l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali", u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, moqrija flimkien mal-Artikoli 20 u 26 tad-Direttiva 2013/32, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola ta' proċedura nazzjonali, bħalma huwa l-Artikolu 39/57 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 dwar id-Dħul fit-Territorju, ir-Residenza, l-Istabbiliment u t-Tneħħija tal-Barranin, li jiffissa għal għaxart ijiem "kalendarji" mid-data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni amministrattiva, it-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra deċiżjoni li tkun tiċħad l-applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali, "meta r-rikors jiġi ppreżentat minn barrani li, fil-mument tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni, jkun jinsab f'post speċifiku msemmi fl-Artikoli 74/8 u 74/9 [tal-istess liġi] jew li jkun tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Gvern", b'mod partikolari meta, wara l-komunikazzjoni tad-deċiżjoni amministrattiva ċċitata iktar 'il fuq, ir-rikorrent ikollu jieħu passi sabiex isib konsulent ġuridiku ieħor taħt il-benefiċċju tal-għajnuna legali bla ħlas sabiex jibda l-proċedura għat-tressiq ta' kawża?

([1]) ĠU 2013, L 180, p. 60.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Bulgarija) fis-17 ta' Jannar 2020 – Balgarska natsionalna televizia vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofia-grad pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite

**(Kawża C-21/20)**

(2020/C 95/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

### Qorti tar-rinviju

Administrativen sad Sofia-grad

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Balgarska natsionalna televizia

*Konvenut:* Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofia-grad pri Tsentralno upravlenie na Natsionalna agentsia za prihodite

**Domandi preliminari**

1) L-attività tat-televiżjoni pubblika li tikkonsisti fil-provvista lit-telespettaturi ta' servizzi ta' media awdjoviżiva, fil-każ li tkun iffinanzjata mill-Istat permezz ta' sussidju, b'tali mod li t-telespettaturi ma jħallsu ebda tariffa għax-xandir televiżiv, tista' titqies li hija provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas, fis-sens tal-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), jew għandu jitqies li tali attività ma hijiex provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva?

2) Fil-każ li tingħata risposta fis-sens li s-servizzi ta' media awdjoviżiva pprovduti lit-telespettaturi mit-televiżjoni pubblika jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva 2006/112, jista' jitqies li dawn huma tranżazzjonijiet eżentati fis-sens tal-Artikolu 132(1)(q) tad-Direttiva, u leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta lil din l-attività għas-sempliċi raġuni li, sabiex teżerċitaha, it-televiżjoni pubblika tirċievi ħlasijiet mill-baġit tal-Istat, irrispettivament minn jekk din l-attività għandhiex ukoll natura kummerċjali, hija permissibbli?

3) L-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112 jippermetti l-prattika fejn it-tnaqqis integrali tal-VAT tal-input fir-rigward tax-xiri ma jkunx jiddependi biss mid-destinazzjoni finali tal-imsemmi xiri (għall-finijiet ta' attività taxxabbli jew le), iżda wkoll mill-mod ta' finanzjament ta' dan tal-aħħar, u b'mod partikolari minn jekk ix-xiri huwiex iffinanzjat kemm minn dħul proprju (servizzi ta' reklamar jew oħrajn) u minn sussidji mill-Istat, u fejn id-dritt għat-tnaqqis sħiħ tal-VAT tal-input jiġi aċċettat biss għax-xiri ffinanzjat mid-dħul proprju iżda mhux għax-xiri ffinanzjat minn sussidji mill-Istat, bil-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn dawn ix-xiri?

4) Fil-każ li jiġi deċiż li l-attività tat-televiżjoni pubblika hija komposta kemm minn tranżazzjonijiet taxxabbli u kemm minn tranżazzjonijiet eżentati, fid-dawl tal-mod ta' finanzjament ibridu tagħha, x'inhi l-portata tad-dritt għat-tnaqqis tal-VAT tal-input u liema huma l-kriterji li għandhom jiġu applikati għall-finijiet tad-determinazzjoni tagħha?

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Klagenævnet for Udbud (id-Danimarka) fis-17 ta' Jannar 2020 – Simonsen & Weel A/S vs Region Nordjylland u Region Syddanmark

**(Kawża C-23/20)**

(2020/C 95/24)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Klagenævnet for Udbud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Simonsen & Weel A/S

*Konvenuti:* Region Nordjylland u Region Syddanmark

**Domandi preliminari**

1) Il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' trasparenza stabbiliti fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2014/14 ([1]) u l-Artikolu 49 tad-Direttiva 2014/24 flimkien mal-punti 7 u 10(a) tal-Parti C tal-Anness V tad-Direttiva 2014/24, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-avviż ta' kuntratt f'każ bħal dak ineżami għandu jinkludi informazzjoni dwar il-kwantità stmata u/jew il-valur stmat tal-provvisti taħt il-kuntratt qafas li huwa s-suġġett tas-sejħa għal offerti?